MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

*Local Councils Department*

LCD 13/1994/VI
LCD 28/1994/3

10 ta' Diċembru 1999

Lis-Sindki u s-Segretarji
Kunsilli Lokali

**Memo 81/99**

**Proċeduri ta' Offerti**

## 1. Garanzija ta' l-Offerta (*Bid Bond*)

Skond il Proċeduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) kull Segretarju tal-Kunsill għandu jiżgura li kull min jitfa' offerta għandu jagħti garanzija ta' l-offerta maħruġa minn bank Malti, li **tkun tammonta għal 5% tal-valur ta' l-offerta mitfugħa.**

Qed jirriżulta illi din il-proċedura qed toħloq diffikultajiet lil min ikun irid jitfa' l-offerta meta jiġi biex jagħmel il-garanzija mal-bank minħabba n-natura kunfidenzjali ta' l-istess offerti.

Bi qbil ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali inħasset il-ħtieġa li din il-proċedura tiġi emendata billi l-*Bid Bond* ma tkunx abbażi ta' persentaġġ, iżda tkun ammont fiss skond l-iskali kif jidhru fit-tabella murija hawn taħt:

| VALUR STMAT TAL-KUNTRATT | GARANZIJA MITLUBA |
|---|---|
| sa Lm 2,000 | xejn |
| minn 2,001 sa Lm 5,000 | Lm 200 |
| minn 5,001 sa Lm 15,000 | Lm 500 |
| minn 15,001 sa Lm 25,000 | Lm 1,000 |
| minn 25,001 sa Lm 50,000 | Lm 2,000 |
| minn Lm 50,001 'il fuq | Lm 2,500 |

Għaldaqstant, l-ammont tal-Bid Bond meħtieġ ser ikun determinat skond il-valur stmat u approvat mill-Kunsill għall-kuntratt partikolari li dwaru tkun ser issir l-offerta.

Fil-każ ta' tenders għal servizzi li huma bbażati fuq "*unit rates*", il-garanzija bankarja kemm għal *bid bond* u kemm għall-*performance guarantee* għandu jkun ibbażat fuq 75% ta' l-ammont allokat mill-Kunsill fil-*budget* għal dak is-servizz partikolari e.ż:- jekk il-Kunsill alloka Lm 3,000 fil-*budget* tiegħu għas-sinjali tal-marki ta' l-art, il-valur stmat tal-kuntratt ikun Lm 2,250 u għalhekk ikun ta' Lm 200.

CHATEAU DE LA VILLE, 21, TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904